**8 ta' April, 1961**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Saviour Bilocca et.

**Logħob tal-Azzard u ta' Interess — Prova — Art. 391 tal-Kodiċi Kriminali.**

*Il-liġi tistabbilixxi preżunzjoni fis-sens li l-oġġetti tal-logħob tal-azzard u tal-interess li tkun sabet il-Pulizija fil-perkwiżizzjoni li tkun għamlet f'lokal suspett jitqiesu prova sufficjenti ta' żewġ fatti: l-ewwel, illi l-lokal kien qed jiġi effettivament użat għal-logħob tal-azzard u tal-interess; u t-tieni, illi l-persuni li nstabu preżenti fil-ħin tal-prekwiżizzjoni kienu qegħdin jilgħabu logħob tal-azzard u tal-interess, non ostante li ebda logħob ma jkun sar fil-waqt li jkunu daħlu l-Pulizija.*

*Din il-preżunzjoni hija "juris tantum", u għalhekk valida "donec probetur contrarium"; imma, b'eċċezzjoni għall-*

*prinċipju ġenerali dwar il-piż tal-prova, il-liġi rriversat l-oneri tal-prova kuntrarja għal din il-preżunzjoni fuq id-difiża.*

*Jekk fuq imputazzjoni simili l-imputat ma jagħtix ix-xhieda tiegħu biex juri li ma kienx ħa parti fil-logħob, il-Qorti tista', minħabba dik il-preżunzjoni, anki tikkommenta, in vija ta' eċċezzjoni, fuq il-fatt li l-imputat ma xehedtx għad-diskariku.*

Il-Qorti:— Rat l-imputazzjoni miġjuba mill-Pulizija quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta kontra l-imputati talli fil-25 ta' Diċembru 1960, waqt li kienu f'St. Philip's Band Club, f'Ħaż-Żebbuġ, ħadu sehem f'logħob tal-azzard u tal-interess;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tad-9 ta' Frar 1961 li biha sabithom ħatjin u kkundannathom għall-ħlas ta' lira (£1) ammenda kull wieħed, u ordnat il-konfiska tal-oġġetti eżibiti;

Rat ir-rikors li bih l-imputati appellaw mis-sentenza fuq imsemmija, u talbu li tiġi revokata u li huma jiġu liberati;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

Mix-xhieda tat-tliet uffiċjali tal-Pulizija, xhieda tal-Prosekuzzjoni, emerġa illi f'kamra soprana tal-Każin indikat fiċ-ċitazzjoni nstabet, minbarra karti tal-logħob ġo kaxxa tal-gallettini, kaxxa tal-logħob hekk imsejjaħ tad-"do", li hu rikonoxxutament logħob tal-azzard. Din kienet mgħottija (bħal speċi nħbiet) bi speċi ta' bandiera li kienet avvolta fuq biċċa mobbli. Din il-kamra u dik attigwa, kienu għadhom bil-foga tat-tipjip, u f'waħda minnhom kien hemm barmil li fih kien hemm urina — ċirkustanzi li juru li l-kmamar kienu fl-użu, u fl-użu reċenti. It-tliet imputati kienu f'dan l-ambjent f'dak il-waqt;

Fl-art. 391 tal-Kodiċi Kriminali hemm stabbilita mil-

liġi preżunzjoni "juris tantum", u għalhekk valida "donec probetur contrarium", fis-sens li l-oġġetti tal-logħob tal-azzard u tal-interess li tkun sabet il-Pulizija fil-perkwiżizzjoni f'lokal suspett jitqiesu prova suffiċjenti ta' żewġ fatti: l-ewwel, illi l-lokal kien qed jiġi effettivament użat għall-logħob tal-azzard u tal-interess; u t-tieni, illi l-persuni li nstabu preżenti fil-ħin tal-perkwiżizzjoni kienu qegħdin jilgħabu logħob tal-azzard u tal-interess, non ostanti li ebda logħob ma jkun sar fil-waqt li jkunu daħlu l-Pulizija;

Hu ċar li din id-dispożizzjoni b'eċċezzjoni għall-prinċipju ġenerali dwar l-"onus probandi", irriversat l-oneri tal-prova, u hija għalhekk id-difiża li trid f'każ simili taddući provi in diskolpa;

Ebda prova simili ma għamlu, jew ittantaw jagħmlu, l-imputati. Il-Qorti tista' anki, in vija ta' eċċezzjoni, tikkommenta fuq il-fatt li huma lanqas biss offrew ix-xhieda tagħhom għad-diskariku; mentri f'każ bħal dan, minħabba dik il-preżunzjoni, huma kienu mistennija jagħtu spjegazzjoni;

Għalhekk tiddeċidi billi tirrespinġi l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.